Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 16 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 1551/00

Vivian Corporation Ltd

Vs

George Cauchi

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija  u erba' u tletin liri Maltin u sitta u disghin centezmi (Lm334.96) dovuti minnu bhala bilanc ta' prezz ta' merci lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja  tad-19 ta' Lulju 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Gunju 2000 kontra l-konvenut minn issa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija erbgha u tletin liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm334.96c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-23 ta' Gunju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia
Dep/Reg                                                                                    Magistrat